Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Darren Buhagiar]

vs

Raquel Farrugia

Kumpilazzjoni Numru: 526/2022

Illum, 24 ta' April, 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Raquel Farrugia** detentrici tal-karta tal-identità **466977M**:

1. **Akkuzata talli fl-1 ta' Settembru 2022 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, gewwa Haz-Zabbar u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u kienu maghmula b'rizoluzzjoni**

**wahda, kkommettiet serq ta' flus ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna li sar ghad-dannu ta' Mary Gauci;**

*Art. 261, 267, 268, 279, 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

**Il-Qorti giet genitlment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputata li nghatat fi stadju bikri tal-proceduri u li giet ikkonfermata wara li nghatat zmien opportun sabiex tahsibha;

Rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda kollha kif ukoll it-trattazzjoni datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena 2025.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi xehed <u>is-Supretendent Darren Buhagiar</u> li pprezenta rapport, dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-parir legali, l-istqarrija tal-akkuzata, il-fedina penali tal-akkuzata, certifikat tat-twelid tal-akkuzata kif ukoll kopja ta' filmati mill-ATM tal-Bank of Valletta gewwa Haz-Zabbar.

Illi xehdet <u>l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard</u> li tghid li hi baqghet issegwi lill-akkuzata u setghet tinnota progress stante li l-istess akkuzata kienet qieghda tattendi l-Caritas b'mod regolari. Tixhed li fil-fatt l-imputata qieghda jkollha rizultati tal-awrina li jindikaw li mhix qieghda tuza d-droga filwaqt li anke zzomm kuntatt regolari maghha. Tkompli tghid li l-akkuzata ghandha xoghol full-time u dejjem taghmel l-almu taghha sabiex izzomm l-appuntamenti maghha u f'kull appuntament dejjem tiftah qalbha. Ipprezentat ukoll pre-sentencing report immarkat bhala Dok. MA1 fejn ikkonkludiet li l-akkuzata kellha storja ta' dipendenza fuq id-droga izda matul is-sena 2023 kienet 'clean'. Izzid tghid li jkun ta' detriment ghall-akkuzata li jkollha tmur il-habs u jkun ahjar li tinghata piena alternattiva sabiex tkompli bil-progress taghha.

Illi xehdet il-parte civile **<u>Mary Gauci</u>** bis-sistema awdjo-viziva li tghid li hi wettqet rapport dwar allegat serq ta' flus. Tixhed li gewwa kexxun ta' wall-unit taghha jkollha l-card tal-Cashlink kif ukoll in-numru tal-PIN. Tkompli tghid li darba minnhom meta bintha Miriam Scerri marret s'ghandha biex tiehu l-karta sabiex tigbdilha l-pensjoni darba fix-xahar, hi ma sabitx il-karta tal-Cashlink fil-kexxun. Tghid li hi kienet taghti l-karta lil bintha stante li ssib diffikultà biex tohrog mid-dar. Izzid tghid li l-ammont li bintha kienet tigbed kien dak ta' seba' mitt ewro (€700) u tali ammont jirrapprezenta l-pensjoni li kienet tircievi. Tixhed li hi taf lill-akkuzata stante li tahdem bhala carer sabiex tahslilha l-art u tghinha fil-facendi tad-dar.

Inkontroezami tghid li l-kexxun fejn kienet izzomm il-cashlink kien jinqafel bic-cavetta li kienet izzomm fil-portmoni taghha. Tikkonferma li hi qatt ma kienet tqabbad lill-akkuzata sabiex tmur u tigbed il-flus mill-kont tal-bank taghha stante li ma kinitx tafdaha u kienet thossha iktar komda tafda lil xi hadd familjari b'haga bhal din.

Illi xehdet <u>**Luana Agius**</u> ghan-nom u inrapprezentanza tal-Bank of Valletta. Ipprezentat bank statements f'isem Maria Gauci mill-perjodu tal-ewwel (1) t'Ottubru 2021 sat-tnax (12) ta' Settembru 2022 u dan tramite CD immarkata bhala Dok. LA1.

Illi xehdet <u>**Miriam Scerri**</u> li hija bint il-parte civile u tghid li stante li ommha kien ikollha problemi ta' mobilità kienet tmur tigbed il-pensjoni mill-kont tal-bank t'ommha u dan dejjem fl-ammont ta' seba' mitt ewro (€700). Tghid li hi biss kienet tigbed il-pensjoni ghal ommha minn hutha. Ipprezentat dokument li huwa estratt tal-istatement tal-bank fejn indikat bil-kulur ahdar l-ammonti li gibdet hi mentri l-kulur ahmar jindikaw l-ammonti mhux awtorizzati minn ommha. Tali dokument huwa mmarkat bhala Dok. MS1.

Inkontroezami tghid li hi kienet taf li minn hutha kollha hi biss kienet tmur tigbed il-pensjoni t'ommha mill-bank stante li kienet ommha stess li qaltilha hekk. Tghid li r-raguni ghalfejn gieli kienet tigbed darbtejn f'gurnata stante li ghaliha kienet ehfef li taghmel hekk qabel ma skopriet li setghet tigbed seba' mitt ewro (€700) f'salt. Tikkonferma li l-akkuzata kienet tuza l-istess sistema sabiex

tigbed l-ammont li qieghed jigi allegat li nsteraq. Tixhed li hi setghet tinnota liema ammonti gew migbudin mill-akkuzata stante li hi kienet tigbed il-flus darba fix-xahar. Tixhed li generalment hekk kif ommha kienet tircievi l-pensjoni hi kienet tmur iktar tard f'dik il-gimgha stess u tigbed l-ammont li jkun gie depozitat.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi l-kaz *de quo* jittratta dwar allegat serq ta' flus kontanti mill-kont bankarju tal-parte civile May Gauci. L-imputata fis-seduta datata tlettax (13) ta' Settembru tas-sena 2022 ammettiet ghal tali reat u tali ammissjoni giet ikkonfermata.

Illi din il-Qorti thoss li ghandha tissottolinea l-gravità ta' din l-akkuza permezz ta' analizi akuta tad-disposizzjonijiet li jiggvernaw l-istess akkuza.

Illi l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula hekk:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94)."*

Illi l-Artikolu 268 (a) tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"persuna" -*

*a. meta jsir, f'kull lok li jkun, mis-seftur bi hsara tas-sid, jew bi hsara ta' barrani, jekk biex jaghmel is-serq tkun swietlu ta' ghajnuna l-kwalità vera jew falza ta' seftur;*

*taht l-isem ta' "seftur" tidhol kull persuna impjegata ma' haddiehor b'salarju jew bi hlas iehor, sew jekk din il-persuna tkun toqghod jew le fid-dar mas-sid taghha."*

Illi l-Artikolu 279 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jispecifika hekk:

*"Il-hati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jehel -*

> b. *jekk il-valur tal-haga misruqa jkun izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin".*

Illi l-imputata ammettiet ghall-akkuza kif dedotta kontriha u matul il-proceduri hi wettqet pagamenti lura lejn il-parte civile li jammontaw ghal disat elef ewro (€9,000). Referenza qieghda ssir ghal verbal datat sbatax (17) ta' Lulju 2023 fejn jinghad hekk:

> *"Id-Difiza qed tiddikjara li skont hi dan kien l-ahhar pagament biex igib l-ammont totali derubat ta' 9000 Ewro. Il-parte civile qed tiddikjara li skont hi fadal is-somma ta' 13,000 Ewro[1]."*

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tqis il-provi li tressqu fir-rigward il-kwantum ta' kemm insteraq. Ghandu jinghad mill-ewwel però li hargu diversi inkonsistenzi lampanti f'dawn il-proceduri.

[1] Li jfisser li l-ammont allegatament misruq hu dak ta' €22,000.

Illi referenza qieghda ssir ghall-ammont totali li allegatament gie misruqa mill-imputata li jinsab fid-dokument esebit minn Miriam Scerri a fol. 103 tal-atti processwali. Il-Qorti hawnhekk digà tista' tinnota kontradizzjoni fis-sens li jekk wiehed jikkalkola l-ammont dovut li gie vverbalizzat fis-sbatax (17) ta' Lulju 2023 (u cioè dak ta' €22,000) dan ma jaqbilx mal-ammont kif allegat mit-tifla tal-parte civile a fol. 103 (u cioè dak ta' €23,850).

Illi huwa car li mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri, li l-vittma Mary Gauci qatt ma kellha idea cara ta' kemm insterqu flejjes mill-kont bankarju taghha tant li kellha tkun bintha sabiex tiddettalja u tindika liema tranzazzjonijiet kienu awtorizzati u mhux awtorizzati. Din digà kwazi tista' titqies bhala detto del detto u anke li kieku din ix-xhieda ghandha titqies bhala ammissibbli, xorta wahda l-Qorti tqis li bejn l-ammont verbalizzat u dak allegat, hemm diskrepanza ta' elf, tmien mija u hamsin ewro (€1,850).

Illi referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ayman Khalaf** datata disgha (9) ta' Settembru 2002 fejn intqal hekk:

*"Din il-Qorti hi tal-fehma li ordni ghal kumpens taht l-imsemmi Artikolu 28H (kif ukoll ordni ghal kumpens taht l-Artikolu 11(1) ta' l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin, Kap. 152) ghandu jsir biss meta l-quantum ikun car, jew meta jkun hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-istess quantum:*

*In R. v. Vivian, 68 Cr.App.R. 53, the Court of Appeal stated that "no order for compensation should be made unless the sum claimed by way of compensation is either agreed or proved"...Although it is open to the court to hear evidence in order to determine questions as to the fact or the amount of loss, the Court of Appeal has discouraged criminal courts from embarking on complicated investigations. See R. v. Kneeshaw, 58 Cr.App.R. 439; Hyde v. Emery, 6 Cr.App.R.(S.) 206; R. v. Briscoe, 15 Cr.App.R.(S.) 699; and R. v. White [1996] 2 Cr. App.R.(S.) 58. 1*

*U Lord Justice Eveleigh, fil-kaz R. v. Donovan (1981) 3 Cr.App.R.(S.) 192 esprima ruhhu hekk: "A compensation order is designed for the simple, straightforward case*

*where the amount of the compensation can be readily and easily ascertained."*

Illi filwaqt li din is-sentenza tiffoka fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, l-istess jista' jinghad fil-konfront tal-Artikolu 15A (1) tal-istess Kodici. Illi dak li hu cert hu li l-ammont ta' disat elef ewro (€9,000) gie misruq stante li dan l-ammont intradd lura lill-parte civile. Maghdud ma' dan, il-filmati provduti mill-Ispettur Darren Buhagiar ma jghinux lill-kaz tal-prosekuzzjoni stante li tali filmati ma jkoprux il-perjodu kollu ta' meta sehh l-allegat serq. Ghandu jigi nnotat ukoll il-mankanza ta' hatra ta' espert tekniku sabiex janalizza l-filmati esebiti u jipprovdi certezza legali a rigward ta' tali filmati.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li minkejja li jista' jaghti l-kaz li l-imputata setghet serqet l-ammont allegat ta' €23,850, il-prosekuzzjoni kif ukoll il-parte civile naqsu milli jistabbilixxu l-ammont misruq lil hinn minn kull dubju dettat mil-Ligi.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi l-ammissjoni tal-imputata giet rregistrata fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti tosserva però li dan ma jfissirx li l-imputata ghandha tinghata *carte blanche* daqs li kieku qatt ma gara xejn. Il-Qorti terga' ttennni li fl-ahhar mill-ahhar l-imputata ammettiet ghall-akkuza kif dedotta kontriha u dan wara li giet mgharrfa bil-konsegwenzi ta' tali akkuza.

Illi di più l-imputata wriet li ghandha r-rieda sabiex tottempera ruhha ma' kwalunkwe ghajnuna lilha moghtija tul dawn il-proceduri.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard ikkonkludiet fir-rapport taghha a fol. 65 tal-atti processwali:

> *"Fid-dawl tal-informazzjoni migbura l-Ufficjal tal-Probation tirrakkomanda lil din l-Onorabbli qorti li tqieghed lil Raquel Farrugia fuq Ordni ta' Probation ghal perjodu massimu ta' 3 snin. Dan sabiex tibqa' tircievi l-ghajnuna u gwida necessarji b'mod tassattiv filwaqt li l-*

*kondotta ma tigix mittiefsa sabiex ma jkunx hemm impatt fuq l-impjieg."*

Illi ghalhekk stante l-ammissjoni tal-imputata din il-Qorti sejra tiehu provvediment in linea ma' dak rakkomandat mill-Ufficjali tal-Probation.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghar-rigward il-piena l-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Din it-teorija giet anke ppronunzjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Francis Bonnici</u> deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

*"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra, hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika … li dan is-servizz pregjevoli … jigi amplifikat b' gusta*

*mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Zammit** deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

*"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjeta` tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu, bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta' inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjeta` biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta` u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dean Micallef** deciza fil-11 ta' Lulju 2024 fejn inghad hekk:

*"Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

> *"Din il-gurisprudenza ormai ben kristallizzata u accettata in linea ta' principju fil-gurisprudenza taghna, tghallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-kazijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispozizzjonijiet tal-ligi. Dan il-principju kien gie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-kaz Il-Pulizija vs. Joseph Attard moghtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:*
>
> > *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-ligi ghar-reat in ezami, jew*

> *tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.""*

*Illi jkun opportun li jigi nnutat li l-piena ma ghandhiex l-iskop ta' tpattija minn naha tas-socjeta' kontra min iwettaq ir-reat izda ghandha l-iskop li teduka u tirriforma lill-hatja ta' reati halli dawn jkunu jistghu jergghu jigu reintegrati fis-socjeta' u b'hekk ikunu ta' kontribut ghas-socjeta'. B'hekk il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino (Numru 243/2019) fejn dwar il-principju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

> *"12. [...] Dan peress li l-gustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*

*(a) Retributtiv;*

*(b) Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.*

*13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza' li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga' jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minhabba l-biza' li tehel il-piena, persuna tigi mgieghla tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz.*

*15. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali. L-effett*

*preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza' li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma' dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga' jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-ligi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biza' mill-piena minhabba li l-ligi penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita' dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill-kollettivita' milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg*

*ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.*

*16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita' in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."*

…

*Illi mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx ghandha aktar xi tghid ghajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-*

*parametri tal-piena ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati. Il-Qorti zzid tghid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet wahda legalment u ragonevolment valida, mhux "manifestly excessive" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li taghhom huwa nstab hati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raguni li tista' twassalha sabiex titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha maghmula, liema piena ghalhekk ghandha tibqa' invarjata."*

Illi din il-Qorti sejra taghmel taghha r-ragunament ta' din is-sentenza.

Illi l-imputata wriet bic-car li hi lesta li tbiddel hajjitha u tirriforma ruhha. Il-Qorti hija konsapevoli wkoll tal-fatt li l-istess imputata kienet dipendenti fuq l-eroina ghal xejn inqas minn hmistax (15)-il sena shah, izda b'determinazzjoni hija ghelbet dan il-vizzju. Ghandu jinghad però li l-vjagg ma jintemmx hawnhekk u li l-imputata xorta wahda ghandha tkompli tahdem fuqha nnifisha.

Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li piena karcerarja effettiva mhijiex wahda idonea sabiex issehh il-gustizzja u dan anke fid-dawl ta' dak li kkonkludiet l-Ufficjal tal-Probation fir-rapport taghha.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261, 267, 268, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata **Raquel Farrugia** hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha fuq ammissjoni u timponi fuqha Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**